Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 497/2016

Il-Pulizja

Vs

Martin Cassano

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Martin Cassano detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 782253M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-8 ta' Marzu, 2012 u matul dawn il-granet u l-granet ta' qabel go No. 19, Casa Mar, Triq ic-Cawsli, San Gwann:

1. Bhala sid tal-parti ta' fuq tad-dar, ma halliex li jsiru mill-parti t-isfel tad-dar sa fuq il-bejt, il-ventilatur mehtieg tas-sistema tad-drenagg;
2. Halla illi l-ispurgatur tal-ilma tax-xita jkun imqabbad minghajr il-permess tal-awtorita' sanitarja, mas-sistema tad-drenagg.

Il-Qorti giet mitluba barra milli taghti l-piena tordna l-esekuzzjoni tal-ligi taht penali li jidrilha xieraq fin-nuqqas.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 t' Ottubru, 2016, fejn il-Qorti, filwaqt li rat l-Artikoli 97(f)(i) u 104 tal-Kap. 10

tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Martin Cassano hati tal-akkuzi kif dedotti kontih u kkundannatu ammenda ta' mitt Ewro (€100) filwaqt li tatu xahar zmien mid-data tas-sentenza u b'sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri, jikkonforma ruhu mal-akkuzi anke skont l-istess rapport tal-perit. Il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkusjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Martin Cassano, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Martin Cassano:

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Illi huwa minnu li l-Perit Tekniku fir-rapport tieghu kien ikkonkluda li l-ventilatur mehtieg ghas-sistema tad-drenagg mhux konformi ma' dak li titlob l-arti u s-sengha u l-Ligi Sanitarja. Dan ghaliex l-arti u s-sengha u l-ligi sanitarja titlob li tali ventilaturi jibqghu fuq il-bejt tal-propjeta'. Ir-raguni hija walida ovvja ghaliex ma jistax ikollok ventilatur li jisporgi ghal-got-twieqi. Dan jista' jikkawza perikolu ghas-sahha. Minkejja li l-prassi hija li l-Qorti toqghod fuq il-konkluzzjonijiet ta' Pent Tekniku li kienet hatret, izda tista' tvarja t-tali konkluzzjoni fid-diskrezzjoni taghha jekk huwa oggettivament zbaljati sew bhala fatt u bhala ligi. Il-Perit Tekniku u anki l-prosekuzzjoni qeghdin jippretendu li l-ventilatur ghandu jisporgi f' terrazzin ta' l-appellant u mhux fuq il-bejt tad-dar kif titlob il-ligi. Dan oggettivament, kif kien

approvat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, se tohloq problemi ta' etika, izda fuq kollox perikolu ghas-sahha ghall-appellant u l-familja tieghu. Dan il-ventilatur se jaghti ghall-kcina u l-kamra tas-sodda ta' l-appellant, haga inacceftabli ghall-appellant u ghandha tkun inaccettabbli ghall-prosekuzzjoni. Hemm soluzzjonijiet ohra sabiex ikun hemm ventilazzjoni tat-toilet in kwistjoni minghajr ma jinholoq perikolu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet fis- sentenza taghha li ma kienetx se tiehu konizzjoni tal-faft li l-bini taht l-appellant li llum ghandha bzonn ventilazzjoni hi regolari o meno. L-appellant isostni li l-vertenza kollha rigward il-ventilazzjoni bdiet minhabba l-fatt li s-sid tal-propjeta' ta' tahtu kkonverta parti jew partijiet fi hwienet minghajr il-permessi ta' bini. Meta xtara l-propjeta' l-appellant tahtu kienu garaxxijiet u b'hekk ma kienx hemm il-htiega ta' ventilazzjoni ta' drenagg. Imbaghad is-sid tal-propjeta' ta' taht beda jikkonverti dawn il-garaxxijiet fi hwienet uhud bil-permess, izda l-ohrajn le. L-appellant isostni li l-Qorti ma tistax tissanzjona bini illegali billi tikkundanna terzi sabiex jinghata facilitajiet li m'ghandux dritt ghalihom. L-Ewwel Onorabbli Qorti halliet li ssir il-prova li parti mill-bini kien gie kkonvertit illegalment. B'hekk la halliet il-prova hasset li dik il-prova kienet relevanti ghal dan il-kas. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet li mhix il-kompetu taghha li tinvestiga l-legalita' o meno ta' l-uzu ta' dan il-bini, wara li l-appellant ipprova b'mod sufficjenti li l-bini m'huwiex regolari. Jekk il-prova kien relevanti u thalla b'hekk, il-Qorti kellha tinvestiga jekk id-dritt jew is-servitu' ta' ventilazzjoni kien jezisti jew le.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti jintenta dan l-appell mid-decizjoni appellata ibbazat iterament fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tieghu kien wiehed erronju u dan meta gie deciz illi huwa kien responsabbli ghal ventilazzjoni li kellha

issir ghal ambjenti sottostanti il-proprjeta tieghu fejn kien hemm *in situ* loki u dan kif mahsub fl-104(2) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra testwalment:

"is-sid jew id-detentur tal-parti ta' fuq ta' dar għandu jħalli li jsiru, min-naħa t'isfel tad-dar sa fuq il-bejt tagħha, il-ventilaturi meħtieġa skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 97, u s-sid jew id-detentur tal-parti t'isfel tad-dar għandu jħalli jsiru, f'dik in-naħa tad-dar, katusi jew kanali ta' kumnikazzjoni min-naħa ta' fuq għal mad-drenaġġ pubbliku."

Dan ifisser allura illi billi l-artikolu 97 jipprovdi illi kull loki ghandu jkollu il-vetilaturi b'mod illi fil-fehma tal-awtorita sanitarji ma jkunx hemm irwejjah, is-sid jew detentur tal-parti ta' fuq ta' dar ghandu jara li ihalli li jsiru dawn il-ventiaturi sal-bejt tieghu.

Illi mir-rapport tal-Perit tekniku nominat mill-Ewwel Qorti, il-perit Valerio Schembri jirrizulta s-segwenti stat ta' fatt:

".... illi huwa minnu illi s-sistema ta' drenagg li huwa imqabbad maghha l-loki tal-kamra tal-banju tal-fond proprjeta ta' jew amminstrat minn John Micallef ma tinkludix ventilatur kif titlob il-ligi sanitarja jew ahjar jekk tezisti tali ventilatur huwa ibblukkat bit-tap li jidher fuq id-Dokument SGN04 u SGN05.

Fi kwalunkwe kaz anke kieku ghall-grazja ta'l-argument t-tap muri fuq Dok SGN04 u SGN05 mhux hemm, il-katusa trid titla' f'gholi adegwat li t-terrazzin muri fuq l-istess ritratti ma jsofri bl-ebda mod minn irwejjah irritabbli assocjati ma' sistema tad-drenagg.

Sabiex tali sistema tigi in regola jenhtieg jitnehha t-tapp li llum isodd il-ventilatur tas-sistema in kwistjoni u b'xi mod tigi estiza l-istess katusa li sservi bhala ventilatur sabiex l-irwejjah jigu diretti 'l fuq mill-livell tat-terazzin sovrastanti."

Dak li kellha allura tistharreg l-Ewwel Qorti kien jekk l-appellanti kienx b'xi mod responsabbli ghall-eghluq tal-ventilazzjoni li jidher maghluq bit-tapp fir-ritratti

mehuda mill-perit u esebieti mar-rapport tieghu jew jekk dan ma jigix ippruvat jekk l-appellanti huwiex qieghed jostakolu illi issir il-ventilazzjoni kfi mitluba fl-imsemmija disposizzjoni tal-ligi u dan billi obbligat jipprovdi ventilazzjoni alternattiva, li ghandha issir kif stabbilit mill-perit tekniku fir-rapport tieghu u cioe' il fuq mill-livell tat-terazzin fejn dan il-ventilatur jizbokka. Illi minn ezami ta'l-atti jirrizulta bhala stat ta' fatt illi dan il-loki jezisti fil-fond sottostanti ghal proprjeta ta'l-appellanti, liema fond jappartjeni lill-parti leza John Micallef li ighid li jikri dan il-fond bhala ufficcju. Dan huwa ikkontestat. Issa jekk dan l-ambjent fejn hemm il-loki kienx jezisti originarjament meta l-appellanti akkwista l-proprjeta tieghu u jekk il-proprjeta sottostanti gietx konvertita fl-uzu taghha minn garaxx ghal hanut jew ufficcju huwa, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, immaterjali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza. Dan ghaliex mill-mument illi sar dan il-loki, l-appellanti kellu l-obbligu li ihalli li issir il-ventilazzjoni li titkellem dwarha il-ligi.

Issa l-appellanti ghazel li jirrinunzja ghal jedd tieghu ghas-silenzju u xehed fis-seduta tat-08 ta' Mejju 2015 quddiem l-Ewwel Qorti liema xhieda tinsab traskritta in atti u ghalhekk kien jonqos il-htiega illi din il-Qorti tisma' x-xhieda tieghu mill-gdid. Minn din ix-xhieda tirrizulta ir-reticenza ta'l-appellanti illi isir dan il-ventilatur u jishaq sahansitra fir-rikors ta'l-appell minnu intentat illi huwa tal-fehma illi dan il-ventilatur ma ghandux jizbokka fit-terrazzin tieghu ghaliex dan ser jikkagunalu inkonvenjent bl-irwejjah. Illi sa hawn l-appellanti ghandu ragun u isib sahansitra konfort fir-rapport tal-Perit tekniku li jishaq illi dan il-ventilatur ghandu isir f'livell oghla mit-terazzin. Madanakollu dan ma inaqqasx mid-dmir tieghu skont il-ligi bhala detentur tal-fond sovrastanti, fatt illi huwa indubitat, illi jara illi ihalli li issir din il-ventilazzjoni minn min ghandu il-proprjeta tal-fond fejn gie installat il-loki. Fil-fatt mix-xhieda ta' Yvonne Farrugia, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sanita, ghalkemm l-appellanti gie imsejjah biex ihalli din il-ventilazzjoni issir huwa baqa' iandempjenti tant illi kellhom jittiehdu il-proceduri odjerni fil-konfront tieghu. Tghid hekk l-ispettur sanitarju fix-xhieda taghha:

"L-irregolarita kienet li John Micallef li kien fil-premises ta' isfel ma kellux ventilatur sa fuq il-bejt li jibqa' tiela' sa certu livell u Martin Casano li huwa ta' fuq joqghod No.9, Triq il-Gibjun, ma kienx halla lil John Micallef biex itella' l-ventilatur. ..."

Illi allura ghalkemm l-appellanti huwa hati ta'l-ewwel akkuza, madanakollu ma huwiex hu il-persuna li irid jaghmel ix-xogholijiet riemdjali billi dawn jispettaw lill-proprjeta tal-fond sottostanti fejn jinsab il-loki u cioe' John Micallef. Madanakollu l-appellanti ghandu l-obbligu li ihalli li isiru dawn ix-xogholijiet u dan sabiex il-ventilatur jitla' sa fuq il-bejt skont il-ligi.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza li hija imfassla fuq l-artikolu 97(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jinghad illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet imhassra permezz tar-regolament 42 ta'l-Avviz Legali 376 ta'l-2012. Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma baqax jigi hekk ikkunsidrat ftit xhur wara l-akkuza. Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti:

*"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties …. The Court …. affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.[1]"*

Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:

[1] Scoppola vs Italy App.No.12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber)

*"The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*[2]*"*

Sahansitra il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:
*''In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.*
*It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*[3]*''*

B'hekk illum ghalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proceduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qieghed jitqies illi huwa leziv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
Dan ghaliex il-ligijiet u r-regolamenti sanitarji gew imfassla f'ligi gdida permezz ta'l-imsemmi avviz legali li biddel b'mod drastiku il-ligi sanitarja u dan sabiex jigu implimenatati d-direttivi tal-Unjoni Ewropeja fir-rigward biex b'hekk gew fis-sehh ir-Regolamenti dwar ir-Rendiment ta'l-Energija fl-Uzu tal-Bini.
Ghal dawn il-motivi il-Qorti qieghda tiddisponi minn dan l-appell billi tghaddi biex tikkonferma id-decizjoni impunjata fejn din sabet htija fl-appellanti ghal-ewwel akkuza, izda tirrevokaha mill-bqija u minflok il-piena ta' ammenda ta' €100, tghaddi

[2] Ara ukoll Ruban vs Ukraine – 12/07/2016 u Koprivnikar vs Slovenia
[3] Informazzjoni miksuba minn artikolu minn The Times of Malta data 27 ta' Frar 2017 "The more lenient criminal law" miktub mill-Profs. Kevin Aquilina.

biex tilliberah mit-tieni akkuza u tikkundanna lill-appellanti ghal-hlas ta' ammenda ta' €50. Tordna lill-appellanti sabiex ihalli li isiru ix-xogholijiet rimedjali ta' ventilazzjoni kif imfissra mill-perit Valerio Schembri fir-rapport tieghu, liema xogholijiet madanakollu ghandhom jigu esegwieti mill-parti leza John Micallef.

*(ft)* Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur